**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vasssallo)**

**- vs -**

**Maria Carmela k/a Carmela Attard mart il-mejjet Emanuel bint il-mejjat Salvu Azzopardi u l-mejta Roza nee Zammit li toqghod 7, Triq Sant' Elizabetta, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita` Nru. 37625(G)**
**u**
**Rose Mercieca ta' 41 sena mart Michael bint il-mejjet Emanuel Attard u Carmela Azzopardi li toqghod 18, Triq il-Gizi, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita` Nru. 37458(G)**

Illum 4 ta' Lulju, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fix-Xewkija, Ghawdex fit-28 t' Awissu, 1999 ghall-habta tas-7.10a.m. (1) volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied, (2) izjed ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-pulizija (3) izjed insulentaw, ingurjaw u heddew bil-kliem lil Mario Saliba minn Fontana, Ghawdex u lil Raymond Formosa minn Kercem, Ghawdex (4) izjed ikkagunaw hsara volontarja ta' valur ta anqas minn Lm10 (zewg bramel tal-plastic) ghad-dannu ta' Raymond Formosa minn Kercem, Ghawdex.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali Kap.9.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputati hatja tal-1, it-2 u t-3 akkuzi;

Ma ssibhomx hatja tar-raba' akkuza stante li ma tirrizultax;

Wara li rat l-artikoli 338 (dd) (ee) u 339(1)(e) tal-Kap. 9

Tikkundannahom ghall-hlas ta' multa ta' ammenda ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) kull wiehed.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur